**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 13 ta' Gunju 2017**

**Avviz Numru:- 10/2015JVC**

**G.V. Gozo Developments Co. Ltd**

**Vs**

**Chairman tal-Awtorita' tad-Djar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet s-somma ta' hamest elef seba' mija u disghin ewro (€5,790) rapprezentanti xoghol ezegwit mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tal-Awtorita' tad-Djar fi Block B, Tac-Cawla Housing Estate, Rabat, Ghawdex liema xoghlijiet tlestew fid-29 ta' Ottubru, 2012. Bl-imghaxijiet dovuti skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali tal-11 ta' Frar, 2014 Numru 66/2014 u tad-diversi ittri legali u bl-Ingunzjoni tal-Awtorita' konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta u nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra s-somma ndikata mill-atturi fl-avviz taghhom mhijiex dovuta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra t-talba attrici hi preskritta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra s-somma mitluba mill-atturi hi f'kull kaz eccessiva. Ma kien hemm ebda rata miftehma ghal xoghlijiet maghmula u dak mitlub mill-atturi hu palezament esagerat.

Rat ix-xhieda, affidavit, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi permezz ta' nota datata 18 ta' Novembru, 2015 l-Awtorita' konvenuta rtirat it-tielet eccezzjoni taghha dwar il-preskrizzjoni;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Frar, 2017 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza titratta dwar allegat xoghol ta' rfid, kiri ta' armar u xoghol simili li sar mis-socjeta' attrici fi Block B, Tac-Cawla Housing Estate, Rabat, Ghawdex fuq ordni tal-Awtorita' intimata. Dan ix-xoghol, skont is-socjeta' attrici sar fuq medda ta' zmien li hija bejn il-hamsa (5) ta' Lulju, 2011, u d-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, 2012. A fol. 19 tal-process gie esebit kont datat 15 ta' Novembru, 2012 liema kont inhareg mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-Awtorita' intimata li skont l-attur irrifjutat li thallas l-ammont ta' sitt elef, tmien mija u disgha u tletin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€6839.28). Dejjem skont is-socjeta' attrici certu Joe Camilleri fi hdan l-Awtorita' talab lis-socjeta' attrici tirrevedi 'l isfel tali kont. Fil-fatt a fol. 39 gie esebit ukoll mis-socjeta' attrici kont iehor li jaghmel referenza ghal 'works from 5th July 2011 up to 29th October 2012' u li t-total tieghu huwa ta' hamest elef, seba' mija u disghin Euro (€5790). Nonostante tali revizjoni jirrizulta li l-Awtorita' intimata baqghet tinsisti li ma thallasx dan il-kont u fil-fatt mill-atti jirrizulta li l-Awtorita' harget cekk bhala pagament tal-istess xoghol ghas-somma ta' disa' mija u erbgha u disghin Euro (€994) liema cekk John Vella (fol. 26 et seq) ghan-nom tas-socjeta' attrici xehed li rrifjuta li jiehu u jsarrfu stante li skont hu dan il-pagament ma jirriflettix il-ftehim li huwa kellu ma' certu Joe Camilleri dwar kemm kellu jsir hlas ghax-xoghol in kwistjoni.

Illi s-socjeta' attrici ressqet biss bhala xhud direttament involut lir-rapprezentant taghha John Vella u l-Qorti tinnota li ghazlet li ma ttellax bhala xhud lil dan certu Joe Camilleri li skont l-istess socjeta' sar il-

ftehim kollu mieghu u li jisemma′ spiss fl-atti. Xhieda ohra li tressqu mis-socjeta′ setghu biss jixhdu dwar dak li kien hemm fil-'files' tal-Awtorita′.

Illi min-naha l-ohra l-Awtorita′ tad-Djar jirrrizulta li mill-ewwel ikkontestat l-ammont kif mitlub mis-socjeta′ attrici u ghamlet ezercizzju fejn permezz tal-perit taghha Sandra Magro gie konkluz li s-servizz offert mis-socjeta′ attrici u cioe′ kiri ta′ apparat ta′ rfid ghall-gallarijiet u apparat relatat kellu jithallas bis-somma ta′ disa′ mija u erbgha u disghin Euro (€994) (fol. 72) u dan skont kif jirrizulta mill-atti wara li l-Awtorita′ ghamlet referenza ghall-'bill of quantities' ta′ xoghol simili li sar precedentement u li kien thallas lis-socjeta′ attrici fejn din accettat u sarfet l-istess cekk (ara fol. 97 tal-process). Inhareg appuntu cekk ghal dan l-ammont izda s-socjeta′ attrici m′accettatx l-istess cekk stante li ma qablitx mal-ammont ta′ u nfethet il-kawza odjerna disa′ mija u erbgha u disghin Euro (€994).

Illi din il-Qorti rat mill-atti li l-vertenza principali bejn il-partijiet mihijiex il-kwistjoni dwar jekk sarx jew inghatax ix-xoghol jew servizz allegat, fil-fatt tista′ tghid li l-partijiet jaqblu li l-kiri tal-apparat in kwistjoni u l-uzu tieghu fil-gallarijiet in kwistjoni f′tac-Cawla, Ghawdex fil-fatt sehh u dan ghall-perjodu ndikat mis-socjeta′ attrici ta′ madwar sena u nofs. Li ma hemmx qbil bejn il-partijiet huwa r-rata li fuqha kellu jithallas dan ix-xoghol. Din il-Qorti jirrizultalha mill-korrispondenza bejn il-partijiet esebita a fol. 61 sa 76 tal-process illi l-pern principali bejn il-partijiet kien li skont l-Awtorita′ intimata ma kien gie supplit l-ebda ftehim bil-miktub da parti tas-socjeta′ attrici li kellu jevidenzja r-rati

suppost miftiehma ghall-hlas kif riflessi fil-kont mahrug mis-socjeta′ attrici. Is-socjeta′ attrici da parti taghha taghmel hafna emfazi fuq id-dokument datat 23 ta′ Gunju, 2011 (esebit a fol. 105) fejn allegatament skont dan id-dokument is-socjeta′ attrici inghatat il-′go ahead′ sabiex tibda bix-xoghlijiet ta′ rfid eccetera fl-apparamenti in kwistjoni.

Illi izda dwar id-dokument a fol. 105 tqajmu diversi dubji fl-atti mill-Awtorita′ intimata fosthom li l-istess Perit Anthony Camilleri (fol. 122 et seq) fl-atti stess ikkonferma bil-gurament lil din il-Qorti li l-firma fuq dik l-ittra mihijiex tieghu. Da parti taghha s-socjeta′ attrici fis-sottomissjonijiet taghha ssostni li l-firma hija dik ta′ Joe Camilleri stante li tixbah il-firma tieghu f′dokumenti ohra fl-atti a fol. 67 u 68 tal-process. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni fl-atti ghalfejn din il-firma kellha tkun ta′ dan certu Joe Camilleri u kif gia nghad lanqas tressaq jixhed sabiex jissostanzja. L-istess Perit Anthony Camilleri fix-xhieda tieghu a fol. 122 et seq isostni li l-ittra a fol. 105 hija nieqsa minn certu dettalji li jqajjmu dubju dwar l-awtenticita′ taghha nkluz il-fatt li m′ghandhiex referenza fuqha (apparti l-kwistjoni tal-firma li mihijiex tieghu) kif ukoll il-fatt li jinghad fiha li hemm ′bill of quantities′ anness maghha u fil-fatt dan ma giex esebit fl-atti. Apparti minn hekk jinsisti fuq domanda tal-Qorti stess li hadd ma kellu l-awtorizzazzjoni jiffirma f′ismu. Id-data tad-dokument u cioe′ dik tat-23 ta′ Gunju, 2011 tqajjem ukoll dubju f′mohh din il-Qorti dwar jekk dik l-ittra (jekk hija genwina) tirreferix ghax-xoghol ta′ rfid ta′ qabel li kien thallas permezz ta′ cekk ghas-somma ta′ sitta u disghin Euro (€96) jew ix-xoghol koncernat f′din il-kawza. Il-fatt ukoll li din l-ittra ssemmi biss Flat numu 5 filwaqt li mill-atti s-socjeta′ attrici tghid li x-xoghol sar fuq tliet gallarijiet ukoll iqajjem dubju serju li

din l-ittra ma tirreferix ghax-xoghol jew servizz ta' kiri ta' apparat koncernat fil-kawza odjerna izda tirreferi ghal xoghol precedenti.

Illi l-partijiet fl-atti odjerni ressqu diversi provi dwar xoghol iehor li s-socjeta' attrici thalset tieghu permezz ta' cekk li kif gia nghad appuntu ssarraf ammontanti ghas-somma ta' sitta u disghin Euro (€96). Tressqet anki dokumentazzjoni li tevidenzja l-ftehim fuq ir-rati applikabbli. Mhux l-istess jista' jinghad izda ghas-somma pretiza llum fl-atti ta' din il-kawza. Dwar ix-xoghol jew servizz offert kif allegatament pretiz mis-socjeta' attrici din il-Qorti ma rnexxielha ssib l-ebda dokument li jista' jwassalha almenu sal-grad rikjest mil-ligi tal-probabbli sabiex isahhah il-pretensjoni tas-socjeta' attrici li l-ammont kif mitlub huma dovut mill-Awtorita' intimata. Fil-fatt fil-process ma tressqet l-ebda evidenza ta' ftehim tar-rati li kellhom ikunu applikabbli ghax-xoghlijiet jew servizzi moghtija mis-socjeta' attrici. Ir-rapprezentat tas-socjeta' attrici John Vella fl-atti a fol. 26 et seq isostni li l-ftehim dwar ir-rati sar verbalment ma' certu Joe Camilleri izda dan tal-ahhar ma tressaqx jixhed quddiem din il-Qorti. Kien biss certu Joshua Cassar (fol. 49) li qal li darba waqt laqgha bejn dan l-istess Joe Camilleri u John Vella kien sema' tissemma' r-rata ta' Euro (€1) izda huwa sema' biss parti mill-konverzazzjoni. Il-Qorti nnotat ukoll li ghalkemm waqt ix-xhieda tieghu John Vella gie rinfaccjat b'dokumenti ta' xoghol simili li sar precedenti huwa cahad li kien sar u fil-fatt irrizulta fl-atti li kien minnu li sar dan ix-xoghol u dan thallas permezz ta' cekk li ssarraf mill-istess John Vella. Tinnota wkoll li anki meta mistoqsi dwar it-*tender* sabiex jissewwew il-garaxxijiet li kienu appuntu mniffda u sopportati bl-apparat tas-socjeta' attrici jixhed bil-gurament li huwa ma kien jaf xejn u li sar jaf kumbinazzjoni ghax ibnu

rahom jibdew ix-xoghol filwaqt li fl-atti rrizulta li tant kien jaf bit-*tender* li ntefghet offerta mis-socjeta' attrici li izda ma ntaghzlitx ghax ma kinitx l-orhos wahda. Il-Qorti tqis li tali atteggjament da parti ta' John Vella fix-xhieda tieghu jimpingi serjament fuq il-kredibilita' tax-xhieda tieghu u l-kontenut tal-istess.

Illi da parti taghha l-Awtorita' intimata ressqet diversi xhieda li lkoll ikkonfermaw li mill-processi relattivi tal-Awtorita' ma kien jirrizulta l-ebda ftehim bil-miktub dwar ir-rati applikabbli ghax-xoghol li kellu jsir mis-socjeta' attrici wisq anqas ftehim bir-rati kif uzati mis-socjeta' attrici fil-kont mahrug minnha. Bosta minnhom ukoll ghalhekk jikkonfermaw li mill-processi tal-Awtorita' d-decizjoni kienet li dan ix-xoghol jithallas b'rata li gia kienet maqbula precedentement bejn il-partijiet dwar xoghol simili u li fuqu kien hemm appuntu qbil ta' rati. Ghalhekk l-Awtorita' waslet ghas-somma ta' disa' mija u erbgha u disghin Euro (€994) kif indikata fid-dokument a fol. 68 tal-process liema somma ma gietx accettata mis-socjeta' attrici.

Illi in vista ta' dak kollu suespost u wara li rat kelma b'kelma d-dokumenti u x-xhieda moghtija fl-atti, din il-Qorti ssib ruhha rinfaccjata b'tezi attrici debboli hafna ghar-ragunijiet kif isegwi:

1. Ma tressqet l-ebda prova konvincenti sal-grad rikjest mil-ligi dwar ir-rati miftehma bejn il-partijiet ghax-xoghol in kwistjoni;

2. Is-socjeta′ attrici naqset milli tressaq l-ahjar prova fic-cirkustanzi u cioe′ x-xhieda ta′ dan certu Joe Camilleri li skont is-socjeta′ attrici mieghu kienu jsiru d-diskussjonijiet u sar il-ftehim kollu;

3. L-inkonsistenza fix-xhieda ta′ John Vella (rapprezentant ta-socjeta′ attrici) meta rinfaccjat ma dokumenti li jgiddbu x-xhieda tieghu xejn ma timpingi tajjeb fuq il-kredibilita′ tat-tezi attrici;

4. Is-socjeta′ attrici naqset milli almenu tressaq prova *ex parte* jew titlob li ssir prova *ex officio* permezz ta′ nomina ta′ Perit sabiex jaghmel kalkolu ta′ kemm kellu jkun il-hlas dovut lilha ghas-servizz offrut lill-Awtorita′ intimata. Certament dan xejn ma jimmilita′ favur it-tezi tas-socjeta′ attrici.

Illi ghalhekk din il-Qorti fic-cirkustanzi ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-Awtorita′ intimata illi s-socjeta′ attrici naqset li tipprova t-talba taghha b′mod sodisfacenti u ghalhekk fuq l-iskorta tal-principju ta′ ′*actor non probante reus absolvitur*′ din il-Qorti ma tistax tilqa′ t-talba attrici kif dedotta.

Illi izda din il-Qorti fl-atti nnotat li l-Awtorita′ intimata ammettiet li hija dovuta lis-socjeta′ attrici is-somma ta′ disa′ mija u erbgha u disghin Euro (€994) tant illi anki nhareg cekk favur is-socjeta′ attrici li izda ma giex imsarraf u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa′ t-talba attrici limitatament izda ghal din is-somma.

Stante li jirrizulta li din is-somma ta′ disa′ mija u erbgha u disghin Euro (€994) kienet gia offerta lis-socjeta′ attrici qabel ma nfethet il-kawza, liema somma izda giet rifjutata, il-Qorti tqis li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kollha mis-socjeta′ attrici u li l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut ghandhom jibdew jiddekorru biss mid-data tad-decizjoni sal-hlas effettiv.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa′ r-raba′ eccezzjoni tal-Awtorita′ intimata, tilqa′ t-talba attrici limitatament biss ghas-somma ta′ disa′ mija u erbgha u disghin Euro (€994).

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta′ attrici u bl-imghaxijiet fuq l-ammont hekk dikjarat dovut mid-data ta′ din id-decizjoni.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur